01 Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-merkanzija simultanjament mibgħuta mill-ġdid fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li fihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE jew tad-Direttiva 2008/118/KE huma applikabbli u partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx, jew fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju fejn dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx

Eżempju: Il-merkanzija mhux tal-Unjoni li tasal minn pajjiż terz tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Ġermanja u tintbagħat lejn il-Gżejjer Kanarji.

07 Ir-rilaxx tal-merkanzija għal ċirkolazzjoni libera, simultanjament imqiegħda skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali fejn la l-VAT u lanqas, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża meta l-merkanzija tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa iżda fejn il-VAT u d-dazji tas-sisa ma jkunux tħallsu.

Eżempji: Iz-zokkor mhux ipproċessat importat jiġi rilaxxat għal ċirkolazzjoni ħielsa iżda l-VAT ma tkunx tħallset. Filwaqt li l-merkanzija tkun mqiegħda f'maħżen jew f'żona approvata għajr maħżen doganali, il-ħlas tal-VAT jiġi sospiż.

Iż-żjut minerali importati jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-ebda VAT ma tkun tħallset. Filwaqt li l-merkanzija tiġi maħżuna f'maħżen tat-taxxa, il-ħlas tal-VAT u tad-dazji tas-sisa jiġi sospiż.

10 L-esportazzjoni permanenti.

Eżempju: L-esportazzjoni tal-merkanzija tal-Unjoni lejn pajjiż terz, iżda wkoll il-bgħit tal-merkanzija tal-Unjoni lejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li għalihom id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE jew tad-Direttiva 2008/118/KE ma japplikawx.

11 L-esportazzjoni ta' prodotti pproċessati li jkunu miksuba minn merkanzija ekwivalenti skont l-ipproċessar attiv qabel ma l-merkanzija mhux tal-Unjoni titqiegħed skont il-proċedura tal-ipproċessar attiv.

Spjegazzjoni: L-esportazzjoni minn qabel (EX-IM) skont l-Artikolu 223(2)(c) tal-Kodiċi.

Pereżempju: L-esportazzjoni tas-sigaretti manifatturati mill-weraq tat-tabakk tal-Unjoni qabel it-tqegħid tal-weraq tat-tabakk mhux tal-Unjoni skont il-proċedura tal-ipproċessar attiv.

21 L-esportazzjoni temporanja skont il-proċedura tal-ipproċessar passiv, jekk mhux kopert mill-kodiċi 22.

Eżempju: Il-proċedura tal-ipproċessar passiv skont l-Artikoli 259 u 262 tal-Kodiċi. L-applikazzjoni simultanja tal-proċedura tal-ipproċessar passiv u tal-proċedura tal-ipproċessar passiv ekonomiku għall-prodotti tat-tessuti (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3036/94) mhuwiex kopert minn dan il-kodiċi.

22 L-esportazzjoni temporanja għajr dik imsemmija fil-kodiċijiet 21 u 23.

Dan il-kodiċi jkopri s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

— L-applikazzjoni simultanja tal-proċedura tal-ipproċessar passiv u tal-proċedura tal-ipproċessar passiv ekonomiku għall-prodotti tat-tessuti (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3036/94 [1])

— L-esportazzjoni temporanja tal-merkanzija mill-Unjoni għat-tiswija, għall-ipproċessar, għall-adattament, għall-assemblaġġ jew għat-tħaddim mill-ġdid fejn l-ebda dazji doganali ma jkunu dovuti għall-importazzjoni mill-ġdid.

23 L-esportazzjoni temporanja għal ritorn fi stat mhux mibdul.

Eżempju: L-esportazzjoni temporanja għal wirjiet ta' oġġetti bħal kampjuni, tagħmir professjonali, eċċ.

31 L-esportazzjoni mill-ġdid.

Spjegazzjoni: L-esportazzjoni mill-ġdid tal-merkanzija mhux tal-Unjoni wara proċedura speċjali.

Eżempju: Il-merkanzija mqiegħda skont il-proċedura tal-ħażna doganali u sussegwentement *iddikjarata* għall-esportazzjoni mill-ġdid.

40 Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku tal-merkanzija.

Id-dħul għal użu domestiku tal-oġġetti fil-kuntest tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom ifformat unjoni doganali.

Id-dħul għal użu domestiku tal-merkanzija fil-kuntest tal-kummerċ imsemmi fl-Artikolu 1(3) tal-kodiċi.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3036/94 tat-8 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi arranġamenti ekonomiċi dwar ipproċessar mhux Komunitarju li japplika għal ċerti prodotti tat-tessuti u drapp ri-importati fil-Komunità wara li dawn jiġu maħduma u proċessati f'ċerti pajjiżi mhux membri (ĠU L 322, 15.12.1994, p. 1)

Eżempji:

— Il-merkanzija li tkun ġejja mill-Ġappun bi ħlas tad-dazju doganali, tal-VAT u, meta applikabbli, tad-dazji tas-sisa.

— Il-merkanzija li tkun ġejja mill-Andorra u li tiddaħħal għal użu domestiku fil-Ġermanja

— Il-merkanzija li tkun ġejja mill-Martinique u li tiddaħħal għal użu domestiku fil-Belġju.

42 Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

Id-dħul għal użu domestiku tal-merkanzija tal-Unjoni, fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li fihom ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE u tad-Direttiva 2008/118/KE u partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw, li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

Spjegazzjoni: L-eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT u, fejn applikabbli, is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa, tingħata minħabba li l-importazzjoni tiġi segwita minn provvista fl-Unjoni jew minn trasferiment tal-merkanzija lejn Stat Membru ieħor. F'dak il-każ, il-VAT u, fejn applikabbli, id-dazju tas-sisa, ikunu dovuti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni aħħarija. Sabiex jużaw din il-proċedura, il-persuni jridu jissodisfaw kundizzjonijiet oħra mniżżla fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE. It-tagħrif meħtieġ mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiddaħħal fl-E.D.13 16 034 000 In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

Eżempji: Il-merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa fi Stat Membru wieħed u tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor. Il-formalitajiet tal-VAT jieħu ħsiebhom aġent doganali li jkun rappreżentant tat-taxxa li juża s-sistema tal-VAT fl-Unjoni.

Il-merkanzija mhux tal-Unjoni li tkun importata minn pajjiż terz u li tkun soġġetta għad-dazji tas-sisa, li tkun rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa u li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jkun segwit minnufih minn moviment, b'sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni li jinbeda minn konsenjatur reġistrat skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE.

43 Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku ta' oġġetti li jkunu soġġetti għal miżuri speċifiċi marbuta mal-ġbir ta' ammont matul il-perjodu tranżizzjonali wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda.

Pereżempju: Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti agrikoli bejn l-Istati Membri l-ġodda u l-kumplament tal-Unjoni, li jkunu soġġetti għal proċedura doganali speċjali jew għal miżuri speċjali matul perjodu tranżizzjonali speċjali wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda.

44 Użu aħħari

Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku b'eżenzjoni mid-dazju jew b'rata mnaqqsa ta' dazju minħabba l-użu speċifiku tal-merkanzija.

Pereżempju: Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' magni mhux tal-Unjoni maħsuba għal integrazzjoni f'inġenju tal-ajru ċivili mibni fl-Unjoni Ewropea.

Il-merkanzija mhux tal-Unjoni maħsuba għal integrazzjoni f'ċerti kategoriji ta' vapuri, ta' dgħajjes u ta' bastimenti oħra kif ukoll għall-pjattaformi tat-tħaffir jew tal-produzzjoni.

45 Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u d-dħul parzjali għal użu domestiku jew għall-VAT jew inkella għad-dazji tas-sisa, u t-tqegħid tagħhom f'maħżen li mhumiex imħażen doganali.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi jrid jintuża għall-merkanzija li tkun soġġetta kemm għall-VAT kif ukoll għad-dazji tas-sisa, u fejn waħda biss minn dawn il-kategoriji ta' taxxi jitħallsu meta l-merkanzija tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Eżempji: Is-sigaretti mhux tal-Unjoni jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-VAT tkun tħallset. Meta l-merkanzija tkun qiegħda fil-maħżen tat-taxxa, il-ħlas tad-dazji tas-sisa jiġi sospiż.

Il-merkanzija li fuqha trid titħallas is-sisa, importata minn pajjiż terz jew minn territorju terz, imsemmija fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/118/KE tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jkun segwit minnufih minn moviment b'sospensjoni tad-dazju tas-sisa, li jinbeda minn konsenjatur reġistrat fil-post tal-importazzjoni, skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE, lejn maħżen tat-taxxa fl-istess Stat Membru.

46 L-importazzjoni ta' prodotti pproċessati, li jkunu miksuba minn merkanzija ekwivalenti skont il-proċedura tal-ipproċessar passiv, qabel l-esportazzjoni tal-merkanzija li qegħdin jieħdu postha.

Spjegazzjoni: L-importazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 223(2)(d) tal-Kodiċi.

Pereżempju: L-importazzjoni ta' mwejjed manifatturati minn injam mhux tal-Unjoni qabel ma jitqiegħed injam tal-Unjoni skont l-ipproċessar passiv.

48 Id-dħul għal użu domestiku flimkien mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti sostituti skont l-ipproċessar passiv qabel l-esportazzjoni tal-merkanzija difettuża.

Spjegazzjoni: Is-sistema ta' skambju standard (IM-EX), bl-esportazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 262(1) tal-Kodiċi.

51 It-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura tal-ipproċessar attiv.

Spjegazzjoni: L-ipproċessar attiv skont l-Artikolu 256 tal-Kodiċi.

53 It-tqegħid tal-merkanzija skont l-ammissjoni temporanja.

Spjegazzjoni: It-tqegħid tal-merkanzija mhux tal-Unjoni maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid skont il-proċedura tal-ammissjoni temporanja.

Jista' jintuża fit-territorju doganali tal-Unjoni, b'aġevolazzjoni totali jew parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 250 tal-Kodiċi.

Pereżempju: L-ammissjoni temporanja, pereżempju għal wirja.

54 L-ipproċessar attiv tal-merkanzija fi Stat Membru ieħor (mingħajr ma jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa f'dak l-Istat Membru) (a).

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi jintuża għar-reġistrazzjoni tal-operazzjoni għall-finijiet tal-istatistika dwar il-kummerċ fl-Unjoni.

Pereżempju: Il-merkanzija mhux tal-Unjoni titqiegħed skont l-ipproċessar attiv fil-Belġju (5100). Wara li jkunu għaddew mill-ipproċessar attiv, dawn huma mibgħuta lejn il-Ġermanja għal rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa (4054) jew aktar ipproċessar (5154).

61 L-importazzjoni mill-ġdid flimkien mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku tal-merkanzija.

Spjegazzjoni: Il-merkanzija li tiġi importata mill-ġdid minn pajjiż terz bi ħlas tad-dazji doganali u tal-VAT.

63 L-importazzjoni mill-ġdid flimkien mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu domestiku tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

Spjegazzjoni: L-eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT u, fejn applikabbli, is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa, tingħata minħabba li l-importazzjoni mill-ġdid tiġi segwita minn provvista fl-Unjoni jew minn trasferiment tal-merkanzija lejn Stat Membru ieħor. F'dak il-każ, il-VAT u, fejn applikabbli, id-dazju tas-sisa, ikunu dovuti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni aħħarija. Sabiex jużaw din il-proċedura, il-persuni jridu jissodisfaw kundizzjonijiet oħra mniżżla fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE. It-tagħrif meħtieġ mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiddaħħal fl-E.D. 13 16 034 000 Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

Eżempji: L-importazzjoni mill-ġdid wara l-ipproċessar 'il barra jew l-esportazzjoni temporanja, bi kwalunkwe dejn doganali imponut fuq ir-rappreżentant tat-taxxa.

Il-merkanzija li fuqha trid titħallas is-sisa, importata mill-ġdid wara l-ipproċessar passiv u rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera huwa segwit minnufih minn moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni mill-ġdid mibdija mill-konsenjatur reġistrat skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE.

68 L-importazzjoni mill-ġdid bi dħul parzjali għal użu domestiku u r-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa, kif ukoll it-tqegħid tal-merkanzija skont proċedura tal-ħażna għajr il-proċedura tal-ħażna doganali.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża għall-merkanzija li tkun soġġetta kemm għall-VAT kif ukoll għad-dazji tas-sisa, u fejn titħallas waħda biss minn dawk il-kategoriji ta' taxxi meta l-merkanzija tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Pereżempju: Ix-xorb alkoħoliku pproċessat jiġi importat mill-ġdid u jitqiegħed f'maħżen tat-taxxa.

71 It-tqegħid tal-oġġetti taħt il-proċedura tal-ħażna doganali.

76 It-tqegħid tal-merkanzija tal-Unjoni skont il-proċedura tal-ħażna doganali, f'konformità mal-Artikolu 237(2) tal-Kodiċi

Pereżempju: Il-laħam bl-għadam imnehħi ta' annimali tal-ifrat adulti maskili mqiegħed skont il-proċedura tal-ħażna doganali qabel l-esportazzjoni (l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 (1) tal-24 ta' Novembru 2006 li jistipula l-kundizzjonijiet li taħthom tingħata r-rifużjoni speċjali ta' esportazzjoni fir-rigward ta' laħam dissussat ta' annimali tal-ifrat adulti maskili li jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' ħażna doganali qabel l-esportazzjoni (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7)).

Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jkun segwit minn applikazzjoni għall-ħlas lura jew għall-maħfra tad-dazju fuq l-importazzjoni fuq il-bażi ta' merkanzija li tkun difettuża jew li ma tikkonformax mat-termini tal-kuntratt (l-Artikolu 118 tal-Kodiċi).

Skont l-Artikolu 118(4) tal-Kodiċi, il-merkanzija inkwistjoni tista' titqiegħed skont il-proċedura tal-ħażna doganali minflok ma jkollha tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex jingħata l-ħlas lura jew tingħata l-maħfra.

77 Il-manifatturar tal-merkanzija tal-Unjoni b'superviżjoni doganali mill-awtoritajiet doganali u b'kontroll doganali (fis-sens tal-Artikolu 5(27) u (3) tal-Kodiċi) qabel ma jseħħu l-esportazzjoni u l-ħlas tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni.

Pereżempju: Il-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella kkonservati b'superviżjoni mill-awtoritajiet doganali u b'kontroll doganali qabel l-esportazzjoni (l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1731/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 dwar regoli speċjali għall-applikazzjoni tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti ppriservati tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella (ĠU L 325, 24.11.2006, p. 12)).

78 It-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura ta' żona-ħielsa. (a)

95 It-tqegħid tal-merkanzija tal-Unjoni skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali, fejn la l-VAT u lanqas, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża fil-kuntest tal-kummerċ imsemmi fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi kif ukoll tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom iffurmat unjoni doganali u fejn la l-VAT u lanqas id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

Pereżempju: Is-sigaretti mill-Gżejjer Kanarji jinġabu fil-Belġju u jinħażnu f'maħżen tat-taxxa; il-ħlas tal-VAT u tad-dazji tas-sisa jiġu sospiżi.

96 It-tqegħid tal-merkanzija tal-Unjoni skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali, fejn il-VAT jew inkella, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa jkunu tħallsu, u l-ħlas tat-taxxa l-oħra jiġi sospiż.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża fil-kuntest tal-kummerċ imsemmi fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi kif ukoll tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom iffurmat unjoni doganali u fejn il-VAT jew inkella d-dazji tas-sisa jkunu tħallsu u l-ħlas tat-taxxa l-oħra jiġi sospiż.

Pereżempju: Is-sigaretti mill-Gżejjer Kanarji jinġabu fi Franza u jinħażnu f'maħżen tat-taxxa; Il-VAT tħallset u l-ħlas tad-dazji tas-sisa ġie sospiż.

Il-kodiċijiet tal-proċedura użati fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet doganali

Il-kolonni (l-intestatura tat-tabella fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	Dikjarazzjonijiet	Il-kodiċijiet tal-proċedura tal-Unjoni, fejn xieraq
B1	Dikjarazzjoni ta' esportazzjoni u dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni	10, 11, 23, 31
B2	Proċedura speċjali — ipproċessar — id-dikjarazzjoni tal-ipproċessar passiv	21, 22
B3	Dikjarazzjoni għal ħażna Doganali ta' merkanzija tal-Unjoni	76, 77
B4	Dikjarazzjoni għad-dispaċċ ta' merkanzija fil-kuntest ta' kummerċ ma' territorji fiskali speċjali	10
C1	Dikjarazzjoni Simplifikata ta' Esportazzjoni	10, 11, 23, 31

Il-kolonni (l-intestatura tat-tabella fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	Dikjarazzjonijiet	Il-kodiċijiet tal-proċedura tal-Unjoni, fejn xieraq
H1	Id-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-proċedura speċjali – l-użu speċifiku – id-dikjarazzjoni għall-użu aħħari	01, 07, 40, 42, 43, 44, 45, 46, 48, 61, 63, 68
H2	Proċedura speċjali — ħażna — dikjarazzjoni għal ħażna doganali	71
H3	Proċedura speċjali — użu speċifiku — dikjarazzjoni għal aċċettazzjoni temporanja	53
H4	Proċedura speċjali — proċessar — dikjarazzjoni għal proċessar attiv	51
H5	Dikjarazzjoni għall-introduzzjoni ta' merkanzija fil-kuntest ta' kummerċ ma' territorji fiskali speċjali	40, 42, 61, 63, 95, 96
H6	Dikjarazzjoni doganali fit-traffiku postali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera	01, 07, 40
H7	Dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fir-rigward ta' kunsinna li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni skont l-Artikolu 23(1) jew l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009	4 000
I1	Dikjarazzjoni Simplifikata ta' Importazzjoni	01, 07, 40, 42, 43, 44, 45, 46, 48, 51, 53, 61, 63, 68

11 10 000 000 Proċedura addizzjonali

Meta dan l-element ta' data jintuża sabiex jispeċifika proċedura tal-Unjoni, l-ewwel karattru tal-kodiċi jidentifika kategorija ta' miżuri b'dan il-mod li ġej:

Axx Ipproċessar attiv (l-Artikolu 256 tal-Kodiċi)

Bxx Ipproċessar passiv (l-Artikolu 259 tal-Kodiċi)

Cxx Eżenzjoni (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 ([2]))

Dxx Dħul temporanju (ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446)

Exx Prodotti agrikoli

Fxx Oħrajn

L-ipproċessar attiv (l-Artikolu 256 tal-Kodiċi)

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
A04	Il-merkanzija li titqiegħed skont proċedura tal-ipproċessar attiv (il-VAT biss)
A10	Qerda ta' merkanzija taħt l-ipproċessar attiv

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23)

L-ipproċessar passiv (l-Artikolu 259 tal-Kodiċi)

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
B02	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw wara tiswija li jkunu koperti minn garanzija skont l-Artikolu 260 tal-Kodiċi (il-merkanzija li ssewwiet mingħajr ħlas).
B03	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw wara sostituzzjoni li jkunu koperti minn garanzija skont l-Artikolu 261 tal-Kodiċi (is-sistema ta' skambju standard)
B06	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw — il-VAT biss
	Esportazzjoni
B51	Oġġetti importati taħt l-IP, li jkunu esportati għal tiswija taħt l-OP
B52	Oġġetti importati taħt l-IP li jkunu esportati għal sostituzzjoni koperta minn garanzija
B53	L-OP taħt ftehimiet ma' pajjiżi terzi, possibbilment flimkien mal-OP bil-VAT
B54	L-ipproċessar passiv bil-VAT biss

L-eżenzjoni minn dazji tal-importazzjoni (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009) (*)

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C01	Proprjetà personali importata minn persuni fiżiċi li jittrasferixxu l-post ta' residenza normali tagħhom għat-territorju doganali tal-Unjoni	3
C02	Oġġetti ta' dota u tad-dar importati fl-okkażjoni ta' żwieġ	12(1)
C03	Rigali normalment mogħtija fl-okkażjoni ta' żwieġ	12(2)
C04	Proprjetà personali miksuba b'wirt minn persuna naturali li għandha l-post tar-residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni	17
C06	Uniformijiet tal-iskola, materjal edukattiv u affarijiet tad-dar relatati	21
C07	Konsenji ta' valur negliġibbli	23
C08	Konsenji mibgħuta minn individwu privat għall-ieħor	25
C09	Oġġetti kapitali u tagħmir ieħor importat mat-trasferiment tal-attivitajiet minn pajjiż terz għall-Unjoni	28
C10	Oġġetti kapitali u tagħmir ieħor ta' persuni involuti fi professjoni libera u ta' persuni ġuridiċi involuti f'attività bla qligħ	34
C11	Materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali; l-istrumenti xjentifiċi u l-apparat xjentifiku kif imniżżlin fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009)	42

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C12	Materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali; strumenti u apparat xjentifiku kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009	43
C13	Materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali; strumenti u apparat xjentifiku importati esklussivament għal skopijiet mhux kummerċjali (inklużi partijiet, komponenti, aċċessorji u għodod)	44-45
C14	Tagħmir importat għal skopijiet mhux kummerċjali minn jew f'isem stabbiliment jew organizzazzjoni tar-riċerka bbażati barra mill-Unjoni	51
C15	Annimali tal-laboratorju u sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi maħsubin għar-riċerka	53
C16	Sustanzi terapewtiċi ta' oriġini umana u reaġenti għall-klassifika tad-demm u tat-tessuti	54
C17	Strumenti u apparat użati fir-riċerka medika, l-istabbiliment ta' dijanjosi medika jew it-twettiq ta' kura medika	57
C18	Sustanzi ta' referenza għall-kontroll tal-kwalità ta' prodotti mediċinali	59
C19	Prodotti farmaċewtiċi użati f'avvenimenti sportivi internazzjonali	60
C20	Merkanzija għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi - neċessitajiet bażiċi importati minn organizzazzjonijiet tal-Istat jew organizzazzjonijiet approvati oħra	61(1)(a)
C21	L-oġġetti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 intiżi għall-għomja	66
C22	L-oġġetti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 intiżi għall-għomja, li jiġu importati minn persuni għomja nfushom għall-użu tagħhom stess (inklużi l-partijiet għall-bdil, il-komponenti, l-aċċessorji u l-għodod).	67(1)(a) u 67(2)
C23	Oġġetti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 maħsuba għall-għomja importati minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet (inklużi partijiet, komponenti, aċċessorji u għodod)	67(1)(b) u 67(2)
C24	L-oġġetti intiżi għall-persuni b'diżabilità oħra (għajr il-persuni għomja) li jiġu importati minn persuni b'diżabilità nfushom għall-użu tagħhom stess (inklużi l-partijiet, il-komponenti, l-aċċessorji u l-għodod)	68(1)(a) u 68(2)
C25	L-oġġetti intiżi għall-persuni b'diżabilità oħra (għajr il-persuni għomja) li jiġu importati minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet (inklużi l-partijiet, il-komponenti, l-aċċessorji u l-għodod)	68(1)(b) u 68(2)
C26	Merkanzija importata għall-benefiċċju tal-vittmi ta' diżastri	74
C27	Id-dekorazzjonijiet mogħtija mill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi lil persuni li l-post normali tar-residenza tagħhom huwa fit-territorju doganali tal-Unjoni	81(a)
C28	Il-merkanzija li tkun importata fit-territorju doganali tal-Unjoni minn persuni li jkunu għamlu żjara uffiċjali f'pajjiż terz u li matul din l-okkażjoni jkunu rċevew din il-merkanzija bħala rigal mill-awtoritajiet ospitanti	82(a)
C29	Oġġetti li ser jintużaw minn monarki jew kapijiet ta' Stat	85
C30	Kampjuni ta' merkanzija ta' valur negliġibbli importati għal skopijiet ta' promozzjoni kummerċjali	86
C31	Il-materjal stampat ta' reklamar	87

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C32	Kampjuni rappreżentattivi żgħar tal-merkanzija li jkunu manifatturati 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni maħsuba għal fiera kummerċjali jew għal avveniment simili	90(a)
C33	Oġġetti importati għal skopijiet ta' eżami, analiżi jew testijiet	95
C34	Konsenji mibgħuta lill-organizzazzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-awtur jew proprjetà industrijali jew kummerċjali	102
C35	Letteratura ta' tagħrif turistiku	103
C36	Dokumenti u oġġetti mixxellanji	104
C37	Materjali anċillari għall-istivar u l-protezzjoni ta' oġġetti matul it-trasport tagħhom	105
C38	Tiben, għalf u oġġetti tal-ikel għall-annimali matul it-trasport tagħhom	106
C39	Karburanti u lubrikanti preżenti f'vetturi bil-magna tal-użu fuq l-art u kontejners speċjali	107
C40	Materjali għall-kostruzzjoni, manutenzjoni, jew tiżjin ta' monumenti għal, jew ċimiterji ta', vittmi tal-gwerra	112
C41	Twiebet, urni funerarji jew oġġetti funerarji ta' tiżjin	113
C42	Proprjetà personali mdaħħla għaċ-ċirkolazzjoni libera qabel mal-persuna kkonċernata tistabbilixxi l-post tar-residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni (eżenzjoni mid-dazju soġġetta għal impenn)	9(1)
C43	Proprjetà personali li tiddaħħal għal ċirkolazzjoni ħielsa minn persuna fiżika bl-intenzjoni li tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni (ammissjoni mingħajr dazju soġġetta għal impriża)	10
C44	Proprjetà personali miksuba b'wirt minn persuni ġuridiċi involuti f'attività mingħajr skop ta' qligħ li jkunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni	20
C45	Il-prodotti agrikoli, tat-trobbija tal-bhejjem, tat-trobbija tan-naħal, ortikulturali u tal-forestrija minn proprjetajiet li jinsabu f'pajjiż terz, maġenb it-territorju doganali tal-Unjoni	35
C46	Prodotti tal-attivitajiet tas-sajd jew tat-trobbija tal-ħut li twettqu fl-għadajjar jew fl-ilmijiet navigabbli fil-fruntiera ta' Stat Membru u ta' pajjiż terz minn sajjieda tal-Unjoni kif ukoll il-prodotti tal-attivitajiet tal-kaċċa f'għadajjar jew f'ilmijiet navigabbli bħal dawn li twettqu minn kaċċaturi sportivi tal-Unjoni	38
C47	Iż-żrieragħ, il-fertilizzanti u l-prodotti għat-trattament tal-ħamrija u tal-għelejjel, li jkunu maħsuba biex jintużaw fuq il-proprjetà li tkun tinsab fit-territorju doganali, maġenb pajjiż terz	39
C48	Merkanzija li tinsab fil-bagalji personali u eżentata mill-VAT	41
C49	Merkanzija għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi - merkanzija ta' kull deskrizzjoni mibgħuta bla ħlas u biex tintuża għall-ġbir ta' fondi f'avvenimenti okkażjonali tal-karità għall-benefiċċju ta' persuni fil-bżonn	61(1)(b)
C50	Merkanzija għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi - tagħmir u materjal tal-uffiċċju mibgħuta bla ħlas	61(1)(c)
C51	It-tazzi, il-midalji u oġġetti simili ta' natura essenzjalment simbolika li jkunu ngħataw f'pajjiż terz lil persuni li jkollhom il-post normali tar-residenza tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni	81(b)

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C52	It-tazzi, il-medalji u oġġetti simili ta' natura essenzalment simbolika li jkunu ngħataw b'xejn minn awtoritajiet jew persuni stabbiliti f'pajjiż terz sabiex jiġu ppreżentati fit-territorju doganali tal-Unjoni	81(c)
C53	Il-premijiet, it-trofej u t-tifkiriet ta' natura simbolika u ta' valur limitat maħsuba għal distribuzzjoni b'xejn lill-persuni li jkollhom il-post normali tar-residenza f'pajjiż terz waqt konferenzi tan-negozju jew waqt avvenimenti internazzjonali simili	81(d)
C54	Il-merkanzija li tkun importata fit-territorju doganali tal-Unjoni minn persuni li jkunu ġejjin biex jagħmlu żjara uffiċjali fit-territorju doganali tal-Unjoni u li matul din l-okkażjoni jkunu biħsiebhom joffru din il-merkanzija bħala rigal lill-awtoritajiet ospitanti	82(b)
C55	Il-merkanzija li tintbagħat bħala rigal, b'turija ta' ħbiberija jew ta' rieda tajba, minn korp uffiċjali, minn awtorità pubblika jew minn grupp pubbliku, li jkunu qegħdin iwettqu attività fl-interess pubbliku li tkun tinstab f'pajjiż terz, lil korp uffiċjali, lil awtorità pubblika jew lil grupp pubbliku li jkunu qegħdin iwettqu attività fl-interess pubbliku li tkun tinstab fit-territorju doganali tal-Unjoni, u li jkollhom l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jirċievu t-tali oġġetti mingħajr dazju	82(c)
C56	Oġġetti għal skopijiet ta' reklamar, mingħajr l-ebda valur kummerċjali intrinsiku, mibgħuta bla ħlas mill-fornituri lill-klijenti tagħhom, li, apparti mill-funzjoni ta' reklamar, mhumiex kapaċi li jintużaw mod ieħor	89
C57	Il-merkanzija li tkun importata biss sabiex tintwera jew sabiex jintwerew magni u apparat, li tkun manifatturata 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u li tiġi esposta f'fiera kummerċjali jew f'avveniment simili	90(1)(b)
C58	Diversi materjali ta' valur żgħir bħal żebgħa, verniċi, kisi tal-ħitan, eċċ., użati fil-bini, arma u dekorazzjoni ta' stands temporanji okkupati minn rappreżentanti ta' pajjiżi terzi f'fiera kummerċjali jew f'avveniment simili, li jiġu distrutti bl-użu tagħhom	90(1)(c)
C59	Il-materjal stampat, il-katalogi, il-prospetti, il-listi tal-prezzijiet, il-posters tar-reklamar, il-kalendarji, sew jekk illustrati u sew jekk le, kif ukoll ir-ritratti mhux fil-gwarniċ u xi oġġetti oħra li jkunu ġew fornuti mingħajr ħlas sabiex il-merkanzija manifatturata 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u esposta f'fiera kummerċjali jew f'avveniment simili tiġi rreklamata	90(1)(d)
C60	Id-dota u l-oġġetti tad-dar, importati fl-okkażjoni ta' żwieġ, li jiddaħħlu għal ċirkolazzjoni ħielsa mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel it-tieġ (l-aġevolazzjoni tad-dazju hija soġġetta għal preżentazzjoni ta' garanzija xierqa)	12(1), 15(1)(a)
C61	Ir-rigali li skont id-drawwa jingħataw fl-okkażjoni ta' żwieġ li jiddaħħlu għal ċirkolazzjoni ħielsa mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel it-tieġ (l-aġevolazzjoni tad-dazju hija soġġetta għal preżentazzjoni ta' garanzija xierqa)	12(2), 15(1)(a)
	Eżenzjoni minn dazji fuq l-esportazzjoni	
C71	L-annimali domestikati li jiġu esportati fiż-żmien tat-trasferiment tal-attivitajiet agrikoli mill-Unjoni għal pajjiż terz	115
C72	Għalf u ikel li jakkumpanjaw annimali matul l-esportazzjoni tagħhom	121
C73	Konsenji ta' valur negliġibbli	114
C74	Il-prodotti agrikoli jew tat-trobbija tal-bhejjem li jkunu miksuba fit-territorju doganali tal-Unjoni minn proprjetajiet li jinsabu maġenb pajjiż terz, li jitħaddmu, fil-kapaċità ta' sid jew ta' min iwelli, minn persuni li jkollhom l-impriża prinċipali tagħhom f'pajjiż terz, maġenb it-territorju doganali tal-Unjoni.	116

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C75	Iż-żrieragħ li jintużaw fuq proprjetajiet li jkunu jinsabu f'pajjiż terz maġenb it-territorju doganali tal-Unjoni u li jiġu utilizzati, fil-kapaċità ta' sid jew ta' min iwelli, minn persuni li jkollhom l-impriża prinċipali tagħhom f'dan it-territorju doganali, eżatt fil-qrib tal-pajjiż terz inkwistjoni.	119

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mad-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23)

Dħul temporanju

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
D01	Il-paliti (inklużi l-partijiet żejda, l-aċċessorji u t-tagħmir tal-paliti)	208 u 209
D02	Kontejners (inklużi l-partijiet żejda, l-aċċessorji u tagħmir tal-kontejners)	210 u 211
D03	Mezzi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u bil-passaġġi fuq l-ilma intern	212
D04	Oġġetti personali u merkanzija għal finijiet sportivi importati minn vjaġġaturi	219
D05	Materjal għall-benessri tal-baħħara	220
D06	Materjal ta' għajnuna f'każ ta' diżastru	221
D07	Tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju	222
D08	Annimali (12-il xahar jew aktar)	223
D09	Merkanzija għall-użu fiż-żona tal-fruntiera	224
D10	Medja tal-ġarr tal-ħoss, stampi jew *data*	225
D11	Materjal pubbliċitarju	225
D12	Tagħmir professjonali	226
D13	Materjal pedagoġiku u tagħmir xjentifiku	227
D14	L-ippakkjar, mimli	228
D15	L-ippakkjar, vojt	228
D16	Forom, fundituri, blokok, disinji, tpinġijiet, strumenti ta' kejl, verifika u ttestjar u oġġetti simili oħra	229
D17	Għodod u strumenti speċjali	230
D18	Il-merkanzija li tkun soġġetta għal testijiet, esperimenti jew dimostrazzjonijiet.	231(a)
D19	Merkanzija, soġġetta għal testijiet ta' aċċettazzjoni sodisfaċenti, prevista f'kuntratt tal-bejgħ	231(b)
D20	Il-merkanzija li tintuża sabiex jitwettqu t-testijiet, l-esperimenti jew id-dimostrazzjonijiet mingħajr qligħ finanzjarju (sitt xhur).	231(ċ)
D21	Kampjuni	232

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
D22	Mezzi ta' produzzjoni ta' sostituzzjoni (sitt xhur)	233
D23	Merkanzija għal avvenimenti jew bejgħ	234(1)
D24	Merkanzija għall-approvazzjoni (sitt xhur)	234(2)
D25	Xogħlijiet tal-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet	234(3)(a)
D26	Merkanzija barra dik manifatturata ġdida importata bil-ħsieb tal-bejgħ tagħha permezz ta' rkant	234(3)(b)
D27	Partijiet, aċċessorji u tagħmir	235
D28	Merkanzija importata f'sitwazzjonijiet partikolari li ma jkollhomx effett ekonomiku	236(b)
D29	Merkanzija importata għal perjodu li ma jaqbiżx tliet xhur	236(a)
D30	Mezz ta' trasport għal persuni stabbiliti barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew għal persuni li jkunu qegħdin jippreparaw it-trasferiment tal-post tar-residenza normali tagħhom barra dak it-territorju.	216
D51	Dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazju tal-importazzjoni	206

Prodotti agrikoli

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
E01	L-użu tal-prezz bil-wieħed sabiex jiġi stabbilit il-valur doganali għal ċerti prodotti li jiħżienu (l-Artikolu 74(2)(c) tal-Kodiċi u l-Artikolu 142(6))
E02	Il-valuri standard tal-importazzjoni (pereżempju: Ir-Regolament (UE) Nru 543/2011) (*)
	Esportazzjoni
E51	Il-prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għalihom intalbet rifużjoni, li jkunu soġġetti għal ċertifikat tal-esportazzjoni.
E52	Il-prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għalihom intalbet rifużjoni, li ma jeħtiġux ċertifikat tal-esportazzjoni.
E53	Il-prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għalihom intalbet rifużjoni, li jkunu esportati fi kwantitajiet żgħar, u li ma jeħtiġux ċertifikat tal-esportazzjoni
E61	Il-prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għalihom intalbet rifużjoni, li jkunu soġġetti għal ċertifikat tar-rifużjoni.
E62	Il-prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għalihom intalbet rifużjoni, li ma jeħtiġux ċertifikat tar-rifużjoni.
E63	Il-prodotti agrikoli pproċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għalihom intalbet rifużjoni, li jkunu esportati fi kwantitajiet żgħar, mingħajr ċertifikat tar-rifużjoni.

Kodiċi	Deskrizzjoni
E64	Il-forniment tal-merkanzija li tkun eliġibbli għal rifużjonijiet (l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009 (**)
E65	Id-dħul f'maħżen tal-forniment tal-ikel (l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 612/2009)
E71	Il-prodotti agrikoli li għalihom intalbet rifużjoni, li jkunu esportati fi kwantitajiet żgħar u li ma tqiesux fil-kalkolu tar-rati minimi tal-kontrolli.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).
(**) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

Oħrajn

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
F01	Eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-oġġetti mibgħuta lura (l-Artikolu 203 tal-Kodiċi)
F02	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-merkanzija ritornata (Iċ-ċirkostanzi speċjali previsti fl-Artikolu 159 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446: il-merkanzija agrikola)
F03	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-merkanzija ritornata (Iċ-ċirkostanzi speċjali previsti fl-Artikolu 158(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dwar it-tiswija jew ir-restawr)
F04	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw lejn l-Unjoni Ewropea wara li jkunu diġà ġew esportati mill-ġdid, sussegwenti għal proċedura tal-ipproċessar attiv (l-Artikolu 205(1) tal-Kodiċi)
F05	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni kif ukoll mill-VAT u/jew għall-merkanzija ritornata (l-Artikolu 203 tal-Kodiċi u l-Artikolu 143(1)(e) (id-Direttiva 2006/112/KE)
F06	Moviment tal-merkanzija li fuqha trid titħallas is-sisa, b'arranġament ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE.
F07	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw lejn l-Unjoni Ewropea wara li jkunu diġà ġew esportati mill-ġdid, sussegwenti għal proċedura tal-ipproċessar attiv, fejn id-dazju fuq l-importazzjoni jiġi stabbilit skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi (l-Artikolu 205(2) tal-Kodiċi)
F15	Il-merkanzija introdotta fil-kuntest tal-kummerċ mat-territorji fiskali speċjali (l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)
F16	Il-merkanzija introdotta fil-kuntest tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom iffurmat unjoni doganali.
F21	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd fil-baħar u ta' prodotti oħra li jkunu meħuda mill-baħar territorjali ta' pajjiż jew ta' territorju 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni permezz ta' bastimenti li jkunu rreġistrati jew imniżżlin biss fi Stat Membru u li jtajru l-bandiera ta' dak l-istat
F22	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jkunu nkisbu minn prodotti tas-sajd u minn prodotti oħra li jkunu meħuda mill-baħar territorjali ta' pajjiż jew ta' territorju 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni abbord il-bastimenti fabbrika li jkunu rreġistrati jew imniżżlin fi Stat Membru u li jtajru l-bandiera tal-istat
F44	Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti pproċessati meta jrid jiġi applikat l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi)

Kodiċi	Deskrizzjoni
F45	L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE (*))
F46	L-użu tal-klassifikazzjoni oriġinali tat-tariffi tal-merkanzija fis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 86(2) tal-Kodiċi
F47	Is-simplifikazzjoni tat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet doganali għall-merkanzija li taqa' taħt is-subintestaturi differenti tat-tariffi previsti fl-Artikolu 177 tal-Kodiċi
F48	L-importazzjoni taħt l-iskema speċjali għal bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII Kapitolu 6 Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.
F49	L-importazzjoni taħt l-arranġamenti speċjali għal dikjarazzjoni u ħlas ta' VAT fuq l-importazzjoni stabbiliti fit-Titolu XII Kapitolu 7 tad-Direttiva 2006/112/KE.
	Esportazzjoni
F61	Il-forniment tal-ikel u l-forniment tal-karburant tal-bastimenti
F65	Is-simplifikazzjoni tat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet doganali għall-merkanzija li taqa' taħt is-subintestaturi differenti tat-tariffi previsti fl-Artikolu 177 tal-Kodiċi
F75	Il-merkanzija mibgħuta fil-kuntest tal-kummerċ mat-territorji fiskali speċjali (l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 5).

12 01 000 000 Dokument preċedenti

12 01 001 000 Numru ta' referenza

In-numru tal-identifikazzjoni, jew referenza rikonoxxibbli oħra tad-dokument hija miktuba hawnhekk.

F'każ li l-MRN ikun jissejjaħ id-dokument preċedenti, in-numru ta' referenza għandu jkollu l-istruttura li ġejja:

Qasam	Kontenut	Format	Eżempji
1	L-aħħar żewġ ċifri tas-sena tal-aċċettazzjoni formali tad-dikjarazzjoni (YY)	n2	21
2	L-identifikatur tal-pajjiż fejn tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni/il-prova tal-i*status* doganali tal-merkanzija tal-Unjoni/in-notifika (il-kodiċi tal-pajjiż alpha 2)	a2	RO
3	L-identifikatur uniku għall-messaġġ għal kull sena u għal kull pajjiż	an 12	9876AB889012
4	L-identifikatur tal-proċedura	a1	B
5	Ċifra ta' kontroll	an1	1

It-Taqsimiet 1 u 2 kif spjegat hawn fuq.

It-Taqsima 3 għandha timtela b'identifikatur għall-messaġġ ikkonċernat. Il-mod kif jintuża dak il-qasam hija r-responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, iżda kull messaġġ li jiġi ttrattat matul sena fil-pajjiż partikolari, irid ikollu numru uniku b'rabta mal-proċedura kkonċernata.

L-amministrazzjonijiet nazzjonali li jkunu jridu li n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali kompetenti jiġi inkluż fl-MRN, jistgħu jużaw mhux iktar mill-ewwel sitt karattri biex jirrappreżentawh.

It-Taqsima 4 għandha timtela b'identifikatur tal-proċedura kif definit fit-tabella ta' hawn taħt.

It-Taqsima 5 għandha timtela b'numru li huwa ċ-ċifra tal-kontroll għall-MRN kollu. Din it-taqsim tagħti lok li jinkixfu l-iżbalji meta jiġi ttrattat l-MRN kollu.

Il-kodiċijiet li jridu jintużaw fit-Taqsima 4 Identifikatur tal-Proċedura:

Kodiċi	Proċedura
A	Esportazzjoni biss
B	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-esportazzjoni u tal-ħruġ
C	Dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ biss
D	Notifika ta' riesportazzjoni
E	Dispaċċ tal-merkanzija b'rabta mat-territorji fiskali speċjali
J	Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu biss
K	Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu u d-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ
L	Id-dikjarazzjoni ta' tranżitu u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul
M	Dikjarazzjoni tat-tranżitu u dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ u dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul
P	Prova tal-i*status* doganali tal-merkanzija tal-Unjoni/Il-manifest doganali tal-merkanzija
R	Id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni biss
S	Id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul
T	Id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul biss
U	Id-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja
V	Introduzzjoni ta' oġġetti b'rabta ma' territorji fiskali speċjali
W	Id-dikjarazzjoni tal-ħażna temporanja u d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul
Z	Notifika tal-wasla

12 01 002 000 Tip

Id-dokumenti preċedenti jridu jiddaħħlu fil-forma ta' kodiċi definit fit-Titolu I. Il-lista ta' dokumenti u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom jistgħu jinstabu fil-bażi tad-*data* TARIC.

12 02 000 000 Informazzjoni addizzjonali

12 02 008 000 Kodiċi

Jintuża kodiċi ta' ħames ċifri għall-kodifikazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali ta' natura doganali:

Kodiċi 0xxxx - Kategorija ġenerali

Kodiċi 1xxxx - Dwar l-importazzjoni

Kodiċi 2xxxx - Dwar it-tranżitu

Kodiċi 3xxxx - Dwar l-esportazzjoni

Kodiċi 4xxxx – Oħrajn

Kodiċi	Bażi ġuridika	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali
00100	L-Artikolu 163 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura speċjali għajr waħda ta' tranżitu bbażata fuq id-dikjarazzjoni doganali	"Awtorizzazzjoni simplifikata"
00700	L-Artikolu 176(1)(c) u l-Artikolu 241(1) tal-ewwel subparagrafu tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	Il-verifika tal-ipproċessar attiv	L-"IP" u n-numru tal-awtorizzazzjoni rilevanti jew in-numru INF
00800	it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 241(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	Il-verifika tal-ipproċessar attiv (miżuri speċifiċi tal-politika kummerċjali)	"IP CPM"
00900	L-Artikolu 238 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	Il-verifika tal-ammissjoni temporanja	It-"TA" u n-numru tal-awtorizzazzjoni rilevanti
01000	L-Artikolu 36(2) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi tal-1961	Il-bagalji personali ta' aġent diplomatiku għandhom ikunu eżentati mill-ispezzjoni	"Merkanzija Diplomatika - Eżentata mill-ispezzjoni"
10600	It-Titolu II tal-Anness B tar-Regolament Delegat(UE) 2015/2446	Is-sitwazzjonijiet li jikkonċernaw il-poloz tat-tagħbija negozjabbli li jkunu "skont l-ordni, b'ġirata inbjank", fil-każ ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul, fejn id-dettalji tal-konsenjatarju mhumiex magħrufa.	"Konsenjatarju mhux magħruf"
20100	L-Artikolu 18 tal-"proċedura ta' tranżitu komuni" (*)	Esportazzjoni minn pajjiż tat-tranżitu komuni suġġetta għal restrizzjoni jew esportazzjoni mill-Unjoni suġġetta għal restrizzjoni	
20200	L-Artikolu 18 tal-"proċedura ta' tranżitu komuni" (*)	Esportazzjoni minn pajjiż tat-tranżitu komuni suġġetta għad-dazji jew esportazzjoni mill-Unjoni suġġetta għad-dazji	
20300	L-Artikolu 18 tal-"proċedura ta' tranżitu komuni"	Esportazzjoni	"Esportazzjoni"
30300	L-Artikolu 254(4)(b) tal-Kodiċi	L-esportazzjoni tal-merkanzija soġġetta għall-użu aħħari	"E-U"
30500	Artikolu 329(7)	It-talba għall-uffiċċju doganali kompetenti għall-post fejn tittieħed il-merkanzija skont kuntratt uniku tat-trasport għat-trasport tal-merkanzija 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex ikun l-uffiċċju doganali tal-ħruġ.	Uffiċċju doganali tal-ħruġ
30600	It-Titolu II tal-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	Is-sitwazzjonijiet li jikkonċernaw il-poloz negozjabbli tat-tagħbija negozzjabbli li jkunu "approvati għal bejgħ b'ordni inbjank", fil-każ ta' dikjarazzjonijiet fil-qosor tal-ħruġ, fejn id-dettalji tal-konsenjatarju ma jkunux magħrufa.	"Konsenjatarju mhux magħruf"

Kodiċi	Bażi ġuridika	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali
30700	L-Artikolu 160 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	It-talba għal folja tat-tagħrif INF3	"INF3"
40100	L-Artikolu 123 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446	It-talba għal perjodu itwal ta' validità tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni	"Perjodu itwal ta' validità tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni"

(*) Il-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni tal- 20 ta' Mejju 1987) (ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2).

12 03 000 000 Dokument ta' appoġġ

12 03 002 000 Tip

(a) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni jew internazzjonali li jkunu prodotti bħala sostenn tad-dikjarazzjoni, iridu jiddaħħlu f'forma ta' kodiċi li huwa definit fit-Titolu I, segwiti jew b'numru tal-identifikazzjoni jew inkella b'xi referenza rikonoxxibbli oħra. Il-lista tad-dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet u l-kodiċi rispettivi tagħhom hija disponibbli fil-bażi tad-*data* TARIC.

(b) Id-dokumenti, iċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali li jkunu prodotti bħala sostenn tad-dikjarazzjoni, u r-referenzi addizzjonali jridu jiddaħħlu f'forma ta' kodiċi kif definit fit-Titolu I (Pereż: 2123, 34d5), possibbilment segwit jew b'numru tal-identifikazzjoni jew inkella b'xi referenza rikonoxxibbli oħra. L-erba' karattri jirrappreżentaw il-kodiċijiet fuq il-bażi tan-nomenklatura tal-Istat Membru nnifsu.

12 04 000 000 Informazzjoni addizzjonali

12 04 002 000 Tip

(a) Referenzi addizzjonali jridu jiddaħħlu fil-forma ta' kodiċi definit fit-Titolu I. Il-lista ta' referenzi addizzjonali u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom jistgħu jinstabu fil-bażi tad-*data* TARIC.

(b) Ir-referenzi addizzjonali jridu jiddaħħlu fil-forma ta' kodiċi kif iddefinit fit-Titolu I, possibbilment segwit jew b'numru tal-identifikazzjoni jew inkella b'xi referenza rikonoxxibbli oħra. L-erba' karattri jirrappreżentaw il-kodiċijiet fuq il-bażi tan-nomenklatura tal-Istat Membru nnifsu.

12 05 000 000 Dokument tat-trasport

12 05 002 000 Tip

Id-dokumenti tat-trasport jridu jiddaħħlu fil-forma ta' kodiċi definit fit-Titolu I. Il-lista tad-dokumenti tat-trasport u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom jistgħu jinstabu fil-bażi tad-*data* TARIC.

12 11 000 000 Maħżen

12 11 002 000 Tip

Il-karattru li jidentifika t-tip ta' maħżen:

R Maħżen doganali pubbliku tat-tip I

S Maħżen doganali pubbliku tat-tip II

T Maħżen doganali pubbliku tat-tip III

U Maħżen doganali privat

V Il-faċilitajiet tal-ħażna għall-ħażna temporanja tal-oġġetti

Y Il-maħżen mhux doganali

Z Żona libera

13 01 000 000 Esportatur

13 01 017 000 Numru ta' identifikazzjoni

L-istruttura ta' numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni hija din:

4/10	Munita tal-fattura	a3	N	1x		Il-kodiċijiet ISO alfa 3 tal-muniti (ISO 4217) għandhom jintużaw għall-munita.
4/11	Ammont totali fatturat	n..16,2	N	1x		
4/12	Unità tal-munita interna	a3	N	1x		Il-kodiċijiet ISO alfa 3 tal-muniti (ISO 4217) għandhom jintużaw għall-munita.
4/13	Indikaturi tal-valutazzjoni	an4	Y		1x	
4/14	Prezz/ammont tal-oġġett	n..16,2	N		1x	
4/15	Rata tal-kambju	n..12,5	N	1x		
4/16	Metodu ta' valutazzjoni	n1	Y		1x	
4/17	Preferenza	n3 (n1+n2)	Y		1x	Il-Kummissjoni, f'intervalli regolari, se tippubblika lista tal-ġabra ta' kodiċijiet li jistgħu jintużaw kif ukoll eżempji u noti.
4/18	Valur	*Kodiċi tal-munita:* a3 + *Valur:* n..16,2	N		1x	Il-kodiċijiet ISO alfa 3 tal-muniti (ISO 4217) għandhom jintużaw għall-munita.
4/19	Spejjeż tat-trasport lejn id-destinazzjoni finali	*Kodiċi tal-munita:* a3 + *Ammont:* n..16,2	N	1x		Il-kodiċijiet ISO alfa 3 tal-muniti (ISO 4217) għandhom jintużaw għall-munita.

In-numru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	Il-format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċijiet fit-Titolu II (IVA/LE)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
5/8	Kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni	a2	N	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Esportatur għandu jintuża. Fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tranżitu, għandu jintuża l-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166 alpha-2.
5/9	Kodiċi tar-reġjun tad-destinazzjoni	an..9	N	1x	1x	Il-kodiċi huma definiti mill-Istat Membru kkonċernat.
5/14	Kodiċi tal-pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni	a2	N	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Esportatur għandu jintuża.
5/15	Kodiċi tal-pajjiż ta' oriġini	a2	N		1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Esportatur għandu jintuża.
5/16	Kodiċi tal-pajjiż tal-oriġini preferenzjali	an..4	N		1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Esportatur għandu jintuża. Meta l-prova ta' oriġini tirreferi għal grupp ta' pajjiżi uża l-kodiċijiet numeriċi tal-identifikaturi speċifikati fit-tariffa integrata stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87.
5/23	Post tal-merkanzija	*Pajjiż:* a2 + *Tip ta' post:* a1 + *Kwalifikatur tal-identifikazzjoni:* a1 + *Fil-forma ta' kodiċi* *Identifikazzjoni tal-post:* an..35 + *Identifikatur addizzjonali:* n..3 JEW *Deskrizzjoni tat-test liberu* *Triq u numru:* an..70 + *Kodiċi postali:* an..9 + *Belt:* an..35	Y	1x		L-istruttura tal-kodiċi hija definita fit-Titolu II.
5/26	Uffiċċju doganali ta' preżentazzjoni	an8	N	1x		L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 5/6 L-uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż).
5/27	Uffiċċju doganali ta' superviżjoni	an8	N	1x		L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 5/6 L-uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż).

In-numru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	Il-format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċijiet fit-Titolu II (IVA/LE)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
5/31	Data tal-aċċettazzjoni	n8 (ssssxxjj)	N	1x	1x	
6/1	Massa netta (kg)	n..16,6	N		1x	
6/2	Unitajiet supplimentari	n..16,6	N		1x	
6/5	Massa grossa (kg)	n..16,6	N	1x	1x	
6/8	Deskrizzjoni tal-merkanzija	an..512	N		1x	
6/9	Tip ta' pakketti	an..2	N		99x	Il-lista tal-kodiċijiet tikkorrispondi għall-iktar verżjoni riċenti tar-Rakkomandazzjoni 21 NU/KEE.
6/10	Numru ta' pakketti	n..8	N		99x	
6/11	Marki tat-trasport	an..512	N		99x	
6/13	Kodiċi CUS	an8	N		1x	Il-kodiċi assenjat fl-Inventarju Doganali Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (European Customs Inventory of Chemical Substances, ECICS).
6/14	Kodiċi tal-kommodità — Kodiċi tan-nomenklatura magħquda	an..8	N		1x	
6/15	Kodiċi tal-kommodità — Kodiċi TARIC	an2	N		1x	Għandu jimtela skont il-kodiċi tat-TARIC (żewġ karattri għall-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi tal-Unjoni fir-rigward tal-formalitajiet li għandhom jitlestew fid-destinazzjoni.
6/16	Il-kodiċi tal-prodott bażiku – Il-kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC	an4	N		99x	Għandha timtela skont il-kodiċijiet tat-TARIC (il-kodiċijiet addizzjonali).
6/17	Il-kodiċi tal-prodott bażiku – Il-kodiċi(jiet) nazzjonali addizzjonali	an..4	N		99x	Il-kodiċijiet għandhom ikunu adottati mill-Istati Membri kkonċernati.

In-numru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	Il-format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċijiet fit-Titolu II (IVA/LE)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
6/18	Total ta' pakketti	n..8	N	1x		
6/19	Tip ta' merkanzija	an..3	N		1x	Għandha tintuża l-lista ta' kodiċijiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU) Nru 130.
7/2	Kontejner	n1	Y	1x		
7/4	Modalità tat-trasport fil-fruntiera	n1	Y	1x		
7/5	Mezz ta' trasport intern	n1	N	1x		Il-kodiċijiet previsti fit-Titolu II fir-rigward tal-E.D. 7/4 Għandu jintuża l-mod ta' trasport fil-fruntiera.
7/9	Identità tal-mezzi ta' trasport mal-wasla	*Tip ta' identifikazzjoni:* n2 + *Numru tal-identifikazzjoni:* an..35	N	1x		Il-kodiċijiet kif definiti fit-Titolu II għall-E.D. 7/7 Bħala tip ta' identifikazzjoni għandha tintuża l-identità tal-mezzi tat-trasport fit-tluq.
7/10	Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner	an..17	N	9,999x	9,999x	
7/15	Nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li qed jaqsam il-fruntiera	a2	N	1x	1x	Il-kodiċi tal-pajjiż kif definit għall-E.D. 3/1 Esportatur għandu jintuża.
8/1	Numru tal-ordni tal-kwota	an6	N		1x	
8/2	Tip ta' garanzija	*Tip ta' garanzija:* an 1	Y	9x		
8/3	Referenza tal-garanzija	*GRN:* an..24 + *Kodiċi tal-aċċess:* an..4 + *Kodiċi tal-munita:* a3 + *L-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni u, fejn japplika l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 89(2) tal-Kodiċi, tariffi oħra:* n..16,2 + *Uffiċċju doganali tal-garanzija:* an8 JEW *Referenza oħra tal-garanzija:* an..35+ *Kodiċi tal-aċċess:* an..4 + *Kodiċi tal-munita:* a3 + *L-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni u, fejn japplika l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 89(2) tal-Kodiċi, tariffi oħra:* n..16,2 + *Uffiċċju doganali tal-garanzija:* an8	N	99x		Il-kodiċijiet ISO alfa 3 tal-muniti (ISO 4217) għandhom jintużaw għall-munita. L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 5/6 L-uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż).

In-numru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	Il-format tal-E.D. (Tip/tul)	Lista ta' kodiċijiet fit-Titolu II (IVA/LE)	Kardinalità fil-livell tal-intestatura	Kardinalità fil-livell tal-oġġett	Noti
8/5	Natura tat-tranżazzjoni	n..2	N	1x	1x	Għandhom jintużaw il-kodiċijiet b'ċifra waħda mniżżla fil-kolonna A tat-tabella prevista skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 113/2010 [2]. Jekk jintużaw dikjarazzjonijiet doganali fuq il-karta, din iċ-ċifra tiddaħħal fin-naħa tax-xellug tal-kaxxa 24. L-Istati Membri jistgħu jħallu wkoll li tinġabar ċifra oħra mil-lista fil-kolonna B ta' dik it-tabella. Meta jintużaw dikjarazzjonijiet doganali fuq il-karta, it-tieni ċifra trid tiddaħħal fin-naħa tal-lemin tal-kaxxa 24.
8/6	Valur statistiku	n..16,2	N		1x	

[1] ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7-15.
[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-data, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u movimenti jew oġġetti speċifiċi (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1).

TITOLU II

Il-kodiċijiet b'rabta mar-rekwiżiti komuni tad-data tad-dikjarazzjonijiet u tan-notifiki

KODIĊIJIET

1. INTRODUZZJONI

Dan it-Titolu fih il-kodiċijiet li jridu jintużaw fid-dikjarazzjonijiet u fin-notifiki standard elettroniċi u fuq il-karta.

2. KODIĊIJIET

1/1. **Tip ta' dikjarazzjoni**

IM: Għall-kummerċ ma' pajjiżi u territorji li jinsabu 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Għat-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura doganali msemmija fil-kolonni minn H1 sa H4, H6 u I1 tat-tabella tar-rekwiżiti tad-*data* fit-Titolu I tal-Anness D tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

Għal tqegħid tal-merkanzija mhux tal-Unjoni skont il-proċedura doganali fil-kuntest tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

CO: — Il-merkanzija tal-Unjoni soġġetta għal miżuri speċifiċi matul il-perjodu tranżizzjonali wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda

— Il-merkanzija tal-Unjoni fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1] jew id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE [2] u bejn partijiet ta' dak it-territorju li għalihom dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx, jew fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet ta' dak it-territorju fejn dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx kif imsemmija fil-kolonna H5 tat-tabella tar-rekwiżiti tad-*data* fit-tabella fit-Titolu I tal-Anness D tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

1/2. **Tip ta' Dikjarazzjoni Addizzjonali**

A għal dikjarazzjoni doganali standard (skont l-Artikolu 162 tal-Kodiċi)

B għal dikjarazzjoni simplifikata fuq bażi okkażjonali (skont l-Artikolu 166(1) tal-Kodiċi

C għal dikjarazzjoni doganali simplifikata ta' użu regolari (skont l-Artikolu 166(2) tal-Kodiċi)

D għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali standard (kif msemmija fil-kodiċi A) skont l-Artikolu 171 tal-Kodiċi

E għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni simplifikata (kif msemmija fil-kodiċi B) skont l-Artikolu 171 tal-Kodiċi

F għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni simplifikata (bħal dik imsemmija fil-kodiċi C) skont l-Artikolu 171 tal-Kodiċi

R Il-preżentazzjoni retrospettiva ta' dikjarazzjoni tal-esportazzjoni jew tal-esportazzjoni mill-ġdid skont l-Artikolu 249 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u l-Artikolu 337 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)

X għal dikjarazzjoni supplimentari tad-dikjarazzjonijiet simplifikati koperta minn B u E

Y għal dikjarazzjoni supplimentari tad-dikjarazzjonijiet simplifikati koperta minn C u F

Z għal dikjarazzjoni supplimentari skont il-proċedura koperta fl-Artikolu 182 tal-Kodiċi

1/10. **Proċedura**

Il-kodiċijiet li għandhom ikunu miktuba f'din is-subdiviżjoni huma kodiċijiet ta' erba' ċifri, magħmula minn kodiċi ta' żewġ ċifri li jirrappreżenta l-proċedura mitluba, segwiti bit-tieni kodiċi ta' żewġ ċifri li jirrappreżenta l-proċedura preċedenti. Il-lista ta' kodiċijiet ta' żewġ ċifri hija mogħtija hawn taħt.

'Proċedura preċedenti' tfisser il-proċedura li l-oġġetti tqiegħdu taħtha qabel ma tqiegħdu taħt il-proċedura mitluba.

Jenħtieġ li jiġi nnotat li meta l-proċedura preċedenti tkun proċedura tal-ħażna doganali jew tal-ammissjoni temporanja, jew meta l-merkanzija tkun ġiet minn żona ħielsa, il-kodiċi rilevanti jenħtieġ jintuża biss meta l-merkanzija ma tkunx tqiegħdet skont l-ipproċessar attiv jew passiv jew tal-użu aħħari.

B'mod simili, meta l-merkanzija li ġiet preċedentament esportata b'mod temporanju tiġi importata mill-ġdid u rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa wara li tkun tqiegħdet skont il-proċedura tal-ħażna doganali, tal-ammissjoni temporanja jew f'żona ħielsa, dan jiġi meqjus bħala sempliċi importazzjoni mill-ġdid wara esportazzjoni temporanja.

Pereżempju: id-dħul għal użu domestiku flimkien mad-dħul simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-merkanzija esportata skont l-ipproċessar passiv u mqiegħda skont il-proċedura tal-ħażna doganali malli jkun hemm l-importazzjoni mill-ġdid = 6121 (mhux 6171). (L-ewwel operazzjoni: esportazzjoni temporanja skont l-ipproċessar passiv = 2100; it-tieni operazzjoni: ħażna f'maħżen doganali = 7121; it-tielet operazzjoni: id-dħul għal użu domestiku + id-dħul għal ċirkolazzjoni ħielsa = 6121).

Il-kodiċijiet immarkati bl-ittra (a) fil-lista ta' hawn taħt ma jistgħux jintużaw bħala l-ewwel żewġ ċifri tal-kodiċi tal-proċedura, imma biss sabiex jindikaw il-proċedura preċedenti.

Pereżempju: 4054 = id-dħul għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu domestiku ta' merkanzija li ġiet preċedentament imqiegħda skont l-ipproċessar attiv fi Stat Membru ieħor.

Lista ta' proċeduri għal skopijiet tal-kodiċi

Tnejn minn dawn l-elementi bażiċi jridu jingħabru flimkien sabiex jipproduċu kodiċi ta' erba' ċifri.

00 Din il-kodiċi hija użata sabiex tindika li ma jkunx hemm proċedura preċedenti (a)

01 Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-merkanzija simultanjament mibgħuta mill-ġdid fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li fihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE jew tad-Direttiva 2008/118/KE huma applikabbli u partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx, jew fil-kuntest tal-kummerċ bejn il-partijiet ta' dak it-territorju fejn dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx

Eżempju: Il-merkanzija mhux tal-Unjoni li tasal minn pajjiż terz, tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Ġermanja u tintbagħat lejn il-Gżejjer Kanarji.

07 Ir-rilaxx tal-merkanzija għal ċirkolazzjoni libera, simultanjament imqiegħda skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali fejn la l-VAT u lanqas, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża meta l-merkanzija tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa iżda fejn il-VAT u d-dazji tas-sisa ma jkunux tħallsu.

Eżempji: Iz-zokkor mhux ipproċessat importat jiġi rilaxxat għal ċirkolazzjoni ħielsa iżda l-VAT ma tkunx tħallset. Filwaqt li l-merkanzija tkun mqiegħda f'maħżen jew f'żona approvata għajr maħżen doganali, il-ħlas tal-VAT jiġi sospiż.

Iż-żjut minerali importati jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-ebda VAT ma tkun tħallset. Filwaqt li l-merkanzija tiġi maħżuna f'maħżen tat-taxxa, il-ħlas tal-VAT u tad-dazji tas-sisa jiġi sospiż.

40 Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku tal-merkanzija.

Id-dħul għal użu domestiku tal-oġġetti fil-kuntest tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom ifformat unjoni doganali.

Id-dħul għal użu domestiku tal-merkanzija fil-kuntest tal-kummerċ imsemmi fl-Artikolu 1(3) tal-kodiċi.

Eżempji:

— Il-merkanzija li tkun ġejja mill-Ġappun bi ħlas tad-dazju doganali, tal-VAT u, meta applikabbli, tad-dazji tas-sisa.

— Il-merkanzija li tkun ġejja mill-Andorra u li tiddaħħal għal użu domestiku fil-Ġermanja

— Il-merkanzija li tkun ġejja mill-Martinique u li tiddaħħal għal użu domestiku fil-Belġju.

42 Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

Id-dħul għal użu domestiku tal-merkanzija tal-Unjoni, fil-kuntest tal-kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li fihom ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE u tad-Direttiva 2008/118/KE u partijiet ta' dak it-territorju li fihom dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw, li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

Spjegazzjoni: L-eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT u, fejn applikabbli, is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa, tingħata minħabba li l-importazzjoni tiġi segwita minn provvista fl-Unjoni jew minn trasferiment tal-merkanzija lejn Stat Membru ieħor. F'dak il-każ, il-VAT u, fejn applikabbli, id-dazju tas-sisa, ikunu dovuti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni aħħarija. Sabiex jużaw din il-proċedura, il-persuni jridu jissodisfaw kundizzjonijiet oħra mniżżla fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE. It-tagħrif meħtieġ mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiddaħħal fl-E.D. 3/40 In-numru tal-identifikazzjoni tar-referenzi fiskali addizzjonali.

Eżempji: Il-merkanzija mhux tal-Unjoni tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa fi Stat Membru wieħed u tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor. Il-formalitajiet tal-VAT jieħu ħsiebhom aġent doganali li jkun rappreżentant tat-taxxa li juża s-sistema tal-VAT fl-Unjoni.

Il-merkanzija mhux tal-Unjoni li tkun importata minn pajjiż terz u li tkun soġġetta għad-dazji tas-sisa, li tkun rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa u li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jkun segwit minnufih minn moviment, b'sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni li jinbeda minn konsenjatur reġistrat skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE.

43 Ir-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku ta' oġġetti li jkunu soġġetti għal miżuri speċifiċi marbuta mal-ġbir ta' ammont matul il-perjodu tranżizzjonali wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda.

Pereżempju: Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti agrikoli bejn l-Istati Membri l-ġodda u l-kumplament tal-Unjoni, li jkunu soġġetti għal proċedura doganali speċjali jew għal miżuri speċjali matul perjodu tranżizzjonali speċjali wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda.

44 Użu aħħari

Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku b'eżenzjoni mid-dazju jew b'rata mnaqqsa ta' dazju minħabba l-użu speċifiku tal-merkanzija.

Pereżempju: Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' magni mhux tal-Unjoni maħsuba għal integrazzjoni f'inġenju tal-ajru ċivili mibni fl-Unjoni Ewropea.

Il-merkanzija mhux tal-Unjoni maħsuba għal integrazzjoni f'ċerti kategoriji ta' vapuri, ta' dgħajjes u ta' bastimenti oħra kif ukoll għall-pjattaformi tat-tħaffir jew tal-produzzjoni.

45 Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u d-dħul parzjali għal użu domestiku jew għall-VAT jew inkella għad-dazji tas-sisa, u t-tqegħid tagħhom f'maħżen li mhumiex imħażen doganali.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi jrid jintuża għall-merkanzija li tkun soġġetta kemm għall-VAT kif ukoll għad-dazji tas-sisa, u fejn waħda biss minn dawn il-kategoriji ta' taxxi jitħallsu meta l-merkanzija tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Eżempji: Is-sigaretti mhux tal-Unjoni jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-VAT tkun tħallset. Jekk il-merkanzija tkun qiegħda fil-maħżen tat-taxxa, il-ħlas tad-dazji tas-sisa jiġi sospiż.

Il-merkanzija li fuqha trid titħallas is-sisa, importata minn pajjiż terz jew minn territorju terz, imsemmija fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/118/KE tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jkun segwit minnufih minn moviment b'sospensjoni tad-dazju tas-sisa, li jinbeda minn konsenjatur reġistrat fil-post tal-importazzjoni, skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE, lejn maħżen tat-taxxa fl-istess Stat Membru.

46 L-importazzjoni ta' prodotti pproċessati, li jkunu miksuba minn merkanzija ekwivalenti skont il-proċedura tal-ipproċessar passiv, qabel l-esportazzjoni tal-merkanzija li qegħdin jieħdu postha.

Spjegazzjoni: L-importazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 223(2)d) tal-Kodiċi.

Pereżempju: L-importazzjoni ta' mwejjed manifatturati minn injam mhux tal-Unjoni qabel ma jitqiegħed injam tal-Unjoni skont l-ipproċessar passiv.

48 Id-dħul għal użu domestiku flimkien mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti sostituti skont l-ipproċessar passiv qabel l-esportazzjoni tal-merkanzija difettuża.

Spjegazzjoni: Is-sistema ta' skambju standard (IM-EX), bl-esportazzjoni minn qabel skont l-Artikolu 262(1) tal-Kodiċi.

51 It-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura tal-ipproċessar attiv.

Spjegazzjoni: L-ipproċessar attiv skont l-Artikolu 256 tal-Kodiċi.

53 It-tqegħid tal-merkanzija skont l-ammissjoni temporanja.

Spjegazzjoni: It-tqegħid tal-merkanzija mhux tal-Unjoni maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid skont il-proċedura tal-ammissjoni temporanja.

Jista' jintuża fit-territorju doganali tal-Unjoni, b'aġevolazzjoni totali jew parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 250 tal-Kodiċi.

Pereżempju: L-ammissjoni temporanja, pereżempju għal wirja.

54 L-ipproċessar attiv tal-merkanzija fi Stat Membru ieħor (mingħajr ma jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa f'dak l-Istat Membru) (a).

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi jintuża għar-reġistrazzjoni tal-operazzjoni għall-finijiet tal-istatistika dwar il-kummerċ fl-Unjoni.

Pereżempju: Il-merkanzija mhux tal-Unjoni titqiegħed skont l-ipproċessar attiv fil-Belġju (5100). Wara li jkunu għaddew mill-ipproċessar attiv, dawn huma mibgħuta lejn il-Ġermanja għal rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa (4054) jew aktar ipproċessar (5154).

61 L-importazzjoni mill-ġdid flimkien mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u għal użu domestiku tal-merkanzija.

Spjegazzjoni: Il-merkanzija li tiġi importata mill-ġdid minn pajjiż terz bi ħlas tad-dazji doganali u tal-VAT.

63 L-importazzjoni mill-ġdid flimkien mar-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-użu domestiku tal-merkanzija li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor u, meta applikabbli, ta' xi sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

Spjegazzjoni: L-eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT u, fejn applikabbli, is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa, tingħata minħabba li l-importazzjoni mill-ġdid tiġi segwita minn provvista fl-Unjoni jew minn trasferiment tal-merkanzija lejn Stat Membru ieħor. F'dak il-każ, il-VAT u, fejn applikabbli, id-dazju tas-sisa, ikunu dovuti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni aħħarija. Sabiex jużaw din il-proċedura, il-persuni jridu jissodisfaw kundizzjonijiet oħra mniżżla fl-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE. It-tagħrif meħtieġ mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiddaħħal fl-E.D. 3/40 In-numru tal-identifikazzjoni tar-referenzi fiskali addizzjonali.

Eżempji: L-importazzjoni mill-ġdid wara l-ipproċessar 'il barra jew l-esportazzjoni temporanja, bi kwalunkwe dejn doganali imponut fuq ir-rappreżentant tat-taxxa.

Il-merkanzija li fuqha trid titħallas is-sisa, importata mill-ġdid wara l-ipproċessar passiv u rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, li tkun is-suġġett ta' provvista eżentata mill-VAT lejn Stat Membru ieħor. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera huwa segwit minnufih minn moviment taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni mill-ġdid mibdija mill-konsenjatur reġistrat skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE.

68 L-importazzjoni mill-ġdid bi dħul parzjali għal użu domestiku u r-rilaxx simultanju għal ċirkolazzjoni ħielsa, kif ukoll it-tqegħid tal-merkanzija skont proċedura tal-ħażna għajr il-proċedura tal-ħażna doganali.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża għall-merkanzija li tkun soġġetta kemm għall-VAT kif ukoll għad-dazji tas-sisa, u fejn titħallas waħda biss minn dawk il-kategoriji ta' taxxi meta l-merkanzija tiġi rilaxxata għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Pereżempju: Ix-xorb alkoħoliku pproċessat jiġi importat mill-ġdid u jitqiegħed f'maħżen tat-taxxa.

71 It-tqegħid tal-oġġetti taħt il-proċedura tal-ħażna doganali.

76 It-tqegħid tal-merkanzija tal-Unjoni skont il-proċedura tal-ħażna doganali, f'konformità mal-Artikolu 237(2) tal-Kodiċi

Pereżempju: Il-laħam bl-għadam imnehħi ta' annimali tal-ifrat adulti maskili mqiegħed skont il-proċedura tal-ħażna doganali qabel l-esportazzjoni (l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 (1) tal-24 ta' Novembru 2006 li jistipula l-kundizzjonijiet li taħthom tingħata r-rifużjoni speċjali ta' esportazzjoni fir-rigward ta' laħam dissussat ta' annimali tal-ifrat adulti maskili li jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' ħażna doganali qabel l-esportazzjoni (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7)).

Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jkun segwit minn applikazzjoni għall-ħlas lura jew għall-maħfra tad-dazju fuq l-importazzjoni fuq il-bażi ta' merkanzija li tkun difettuża jew li ma tikkonformax mat-termini tal-kuntratt (l-Artikolu 118 tal-Kodiċi).

Skont l-Artikolu 118(4) tal-Kodiċi, il-merkanzija inkwistjoni tista' titqiegħed skont il-proċedura tal-ħażna doganali minflok ma jkollha tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni sabiex jingħata l-ħlas lura jew tingħata l-maħfra.

77 Il-manifatturar tal-merkanzija tal-Unjoni b'superviżjoni doganali mill-awtoritajiet doganali u b'kontroll doganali (fis-sens tal-Artikolu 5(27) u (3) tal-Kodiċi) qabel ma jseħħu l-esportazzjoni u l-ħlas tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni.

Pereżempju: Il-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella kkonservati b'superviżjoni mill-awtoritajiet doganali u b'kontroll doganali qabel l-esportazzjoni (l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1731/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 dwar regoli speċjali għall-applikazzjoni tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni ta' ċerti prodotti ppriservati tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella (ĠU L 325, 24.11.2006, p. 12)).

78 It-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura ta' żona-ħielsa. (a)

95 It-tqegħid tal-merkanzija tal-Unjoni skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali, fejn la l-VAT u lanqas, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża fil-kuntest tal-kummerċ imsemmi fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi kif ukoll tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom iffurmat unjoni doganali u fejn la l-VAT u lanqas id-dazji tas-sisa ma jkunu tħallsu.

Pereżempju: Is-sigaretti mill-Gżejjer Kanarji jinġabu fil-Belġju u jinħażnu f'maħżen tat-taxxa; il-ħlas tal-VAT u tad-dazji tas-sisa jiġu sospiżi.

96 It-tqegħid tal-merkanzija tal-Unjoni skont proċedura tal-ħażna għajr proċedura tal-ħażna doganali, fejn il-VAT jew inkella, meta applikabbli, id-dazji tas-sisa jkunu tħallsu, u l-ħlas tat-taxxa l-oħra jiġi sospiż.

Spjegazzjoni: Dan il-kodiċi għandu jintuża fil-kuntest tal-kummerċ imsemmi fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi kif ukoll tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom iffurmat unjoni doganali u fejn il-VAT jew inkella d-dazji tas-sisa jkunu tħallsu u l-ħlas tat-taxxa l-oħra jiġi sospiż.

Pereżempju: Is-sigaretti mill-Gżejjer Kanarji jinġabu fi Franza u jinħażnu f'maħżen tat-taxxa; Il-VAT tħallset u l-ħlas tad-dazji tas-sisa ġie sospiż.

Il-kodiċijiet tal-proċedura użati fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet doganali

Il-kolonni (l-intestatura tat-tabella fl-Anness D tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446)	Dikjarazzjonijiet	Il-kodiċijiet tal-proċedura tal-Unjoni, fejn xieraq
H1	Id-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-proċedura speċjali – l-użu speċifiku – id-dikjarazzjoni għall-użu aħħari	01, 07, 40, 42, 43, 44, 45, 46, 48, 61, 63, 68
H2	Proċedura speċjali — ħażna — dikjarazzjoni għal ħażna doganali	71
H3	Proċedura speċjali — użu speċifiku — dikjarazzjoni għal aċċettazzjoni temporanja	53
H4	Proċedura speċjali — proċessar — dikjarazzjoni għal proċessar attiv	51
H5	Dikjarazzjoni għall-introduzzjoni ta' merkanzija fil-kuntest ta' kummerċ ma' territorji fiskali speċjali	40, 42, 61, 63, 95, 96
H6	Dikjarazzjoni doganali fit-traffiku postali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera	01, 07, 40
I1	Dikjarazzjoni Simplifikata ta' Importazzjoni	01, 07, 40, 42, 43, 44, 45, 46, 48, 51, 53, 61, 63, 68

1/11. **Proċedura addizzjonali**

Meta dan l-element ta' *data* jintuża sabiex jispeċifika proċedura tal-Unjoni, l-ewwel karattru tal-kodiċi jidentifika kategorija ta' miżuri b'dan il-mod li ġej:

Proċessar attiv	Axx
Proċessar passiv	Bxx
Eżenzjoni	Cxx
Dħul temporanju	Dxx
Prodotti agrikoli	Exx
Ieħor	Fxx

L-ipproċessar attiv (l-Artikolu 256 tal-Kodiċi)

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
A04	Il-merkanzija li titqiegħed skont proċedura tal-ipproċessar attiv (il-VAT biss)
A10	Qerda ta' merkanzija taħt l-ipproċessar attiv

L-ipproċessar passiv (l-Artikolu 259 tal-Kodiċi)

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
B02	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw wara tiswija li jkunu koperti minn garanzija skont l-Artikolu 260 tal-Kodiċi (il-merkanzija li ssewwiet mingħajr ħlas).
B03	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw wara sostituzzjoni li jkunu koperti minn garanzija skont l-Artikolu 261 tal-Kodiċi (is-sistema ta' skambju standard)
B06	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw — il-VAT biss

L-eżenzjoni minn dazji tal-importazzjoni (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009) (*)

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C01	Proprjetà personali importata minn persuni fiżiċi li jittrasferixxu l-post ta' residenza normali tagħhom għat-territorju doganali tal-Unjoni	3
C02	Oġġetti ta' dota u tad-dar importati fl-okkażjoni ta' żwieġ	12(1)
C03	Rigali normalment mogħtija fl-okkażjoni ta' żwieġ	12(2)
C04	Proprjetà personali miksuba b'wirt minn persuna naturali li għandha l-post tar-residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni	17
C06	Uniformijiet tal-iskola, materjal edukattiv u affarijiet tad-dar relatati	21
C07	Konsenji ta' valur negliġibbli	23
C08	Konsenji mibgħuta minn individwu privat għall-ieħor	25
C09	Oġġetti kapitali u tagħmir ieħor importat mat-trasferiment tal-attivitajiet minn pajjiż terz għall-Unjoni	28
C10	Oġġetti kapitali u tagħmir ieħor ta' persuni involuti fi professjoni libera u ta' persuni ġuridiċi involuti f'attività bla qligħ	34
C11	Materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali; l-istrumenti xjentifiċi u l-apparat xjentifiku kif imniżżlin fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009)	42
C12	Materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali; strumenti u apparat xjentifiku kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009	43
C13	Materjali edukattivi, xjentifiċi u kulturali; strumenti u apparat xjentifiku importati esklussivament għal skopijiet mhux kummerċjali (inklużi partijiet, komponenti, aċċessorji u għodod)	44-45
C14	Tagħmir importat għal skopijiet mhux kummerċjali minn jew f'isem stabbiliment jew organizzazzjoni tar-riċerka bbażati barra mill-Unjoni	51
C15	Annimali tal-laboratorju u sustanzi bijoloġiċi jew kimiċi maħsubin għar-riċerka	53

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C16	Sustanzi terapewtiċi ta' oriġini umana u reaġenti għall-klassifika tad-demm u tat-tessuti	54
C17	Strumenti u apparat użati fir-riċerka medika, l-istabbiliment ta' dijanjosi medika jew it-twettiq ta' kura medika	57
C18	Sustanzi ta' referenza għall-kontroll tal-kwalità ta' prodotti mediċinali	59
C19	Prodotti farmaċewtiċi użati f'avvenimenti sportivi internazzjonali	60
C20	Merkanzija għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi - neċessitajiet bażiċi importati minn organizzazzjonijiet tal-Istat jew organizzazzjonijiet approvati oħra	61(1)(a)
C21	L-oġġetti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 intiżi għall-għomja	66
C22	L-oġġetti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 intiżi għall-għomja, li jiġu importati minn persuni għomja nfushom għall-użu tagħhom stess (inklużi l-partijiet għall-bdil, il-komponenti, l-aċċessorji u l-għodod).	67(1)(a) u 67(2)
C23	Oġġetti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 maħsuba għall-għomja importati minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet (inklużi partijiet, komponenti, aċċessorji u għodod)	67(1)(b) u 67(2)
C24	L-oġġetti intiżi għall-persuni b'diżabilità oħra (għajr il-persuni għomja) li jiġu importati minn persuni b'diżabilità nfushom għall-użu tagħhom stess (inklużi l-partijiet, il-komponenti, l-aċċessorji u l-għodod)	68(1)(a) u 68(2)
C25	L-oġġetti intiżi għall-persuni b'diżabilità oħra (għajr il-persuni għomja) li jiġu importati minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet (inklużi l-partijiet, il-komponenti, l-aċċessorji u l-għodod)	68(1)(b) u 68(2)
C26	Merkanzija importata għall-benefiċċju tal-vittmi ta' diżastri	74
C27	Id-dekorazzjonijiet mogħtija mill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi lil persuni li l-post normali tar-residenza tagħhom huwa fit-territorju doganali tal-Unjoni	81(a)
C28	Il-merkanzija li tkun importata fit-territorju doganali tal-Unjoni minn persuni li jkunu għamlu żjara uffiċjali f'pajjiż terz u li matul din l-okkażjoni jkunu rċevew din il-merkanzija bħala rigal mill-awtoritajiet ospitanti	82(a)
C29	Oġġetti li se jintużaw minn monarki jew kapijiet ta' Stat	85
C30	Kampjuni ta' merkanzija ta' valur negliġibbli importati għal skopijiet ta' promozzjoni kummerċjali	86
C31	Il-materjal stampat ta' reklamar	87
C32	Kampjuni rappreżentattivi żgħar tal-merkanzija li jkunu manifatturati 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni maħsuba għal fiera kummerċjali jew għal avveniment simili	90(a)

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C33	Oġġetti importati għal skopijiet ta' eżami, analiżi jew testijiet	95
C34	Konsenji mibgħuta lill-organizzazzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-awtur jew proprjetà industrijali jew kummerċjali	102
C35	Letteratura ta' tagħrif turistiku	103
C36	Dokumenti u oġġetti mixxellanji	104
C37	Materjali anċillari għall-istivar u l-protezzjoni ta' oġġetti matul it-trasport tagħhom	105
C38	Tiben, għalf u oġġetti tal-ikel għall-annimali matul it-trasport tagħhom	106
C39	Karburanti u lubrikanti preżenti f'vetturi bil-magna tal-użu fuq l-art u kontejners speċjali	107
C40	Materjali għall-kostruzzjoni, manutenzjoni, jew tiżjin ta' monumenti għal, jew ċimiterji ta', vittmi tal-gwerra	112
C41	Twiebet, urni funerarji jew oġġetti funerarji ta' tiżjin	113
C42	Proprjetà personali mdaħħla għaċ-ċirkolazzjoni libera qabel mal-persuna kkonċernata tistabbilixxi l-post tar-residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni (eżenzjoni mid-dazju soġġetta għal impenn)	9(1)
C43	Proprjetà personali li tiddaħħal għal ċirkolazzjoni ħielsa minn persuna fiżika bl-intenzjoni li tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni (ammissjoni mingħajr dazju soġġetta għal impriża)	10
C44	Proprjetà personali miksuba b'wirt minn persuni ġuridiċi involuti f'attività mingħajr skop ta' qligħ li jkunu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni	20
C45	Il-prodotti agrikoli, tat-trobbija tal-bhejjem, tat-trobbija tan-naħal, ortikulturali u tal-forestrija minn proprjetajiet li jinsabu f'pajjiż terz, maġenb it-territorju doganali tal-Unjoni	35
C46	Prodotti tal-attivitajiet tas-sajd jew tat-trobbija tal-ħut li twettqu fl-għadajjar jew fl-ilmijiet navigabbli fil-fruntiera ta' Stat Membru u ta' pajjiż terz minn sajjieda tal-Unjoni kif ukoll il-prodotti tal-attivitajiet tal-kaċċa f'għadajjar jew f'ilmijiet navigabbli bħal dawn li twettqu minn kaċċaturi sportivi tal-Unjoni	38
C47	Iż-żrieragħ, il-fertilizzanti u l-prodotti għat-trattament tal-ħamrija u tal-għelejjel, li jkunu maħsuba biex jintużaw fuq il-proprjetà li tkun tinsab fit-territorju doganali, maġenb pajjiż terz	39
C48	Merkanzija li tinsab fil-bagalji personali u eżentata mill-VAT	41
C49	Merkanzija għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi - merkanzija ta' kull deskrizzjoni mibgħuta bla ħlas u biex tintuża għall-ġbir ta' fondi f'avvenimenti okkażjonali tal-karità għall-benefiċċju ta' persuni fil-bżonn	61(1)(b)

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
C50	Merkanzija għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi - tagħmir u materjal tal-uffiċċju mibgħuta bla ħlas	61(1)(c)
C51	It-tazzi, il-midalji u oġġetti simili ta' natura essenzjalment simbolika li jkunu ngħataw f'pajjiż terz lil persuni li jkollhom il-post normali tar-residenza tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni	81(b)
C52	It-tazzi, il-midalji u oġġetti simili ta' natura essenzalment simbolika li jkunu ngħataw b'xejn minn awtoritajiet jew persuni stabbiliti f'pajjiż terz sabiex jiġu ppreżentati fit-territorju doganali tal-Unjoni	81(c)
C53	Il-premijiet, it-trofej u t-tifkiriet ta' natura simbolika u ta' valur limitat maħsuba għal distribuzzjoni b'xejn lill-persuni li jkollhom il-post normali tar-residenza f'pajjiż terz waqt konferenzi tan-negozju jew waqt avvenimenti internazzjonali simili	81(d)
C54	Il-merkanzija li tkun importata fit-territorju doganali tal-Unjoni minn persuni li jkunu ġejjin biex jagħmlu żjara uffiċjali fit-territorju doganali tal-Unjoni u li matul din l-okkażjoni jkunu biħsiebhom joffru din il-merkanzija bħala rigal lill-awtoritajiet ospitanti	82(b)
C55	Il-merkanzija li tintbagħat bħala rigal, b'turija ta' ħbiberija jew ta' rieda tajba, minn korp uffiċjali, minn awtorità pubblika jew minn grupp pubbliku, li jkunu qegħdin iwettqu attività fl-interess pubbliku li tkun tinstab f'pajjiż terz, lil korp uffiċjali, lil awtorità pubblika jew lil grupp pubbliku li jkunu qegħdin iwettqu attività fl-interess pubbliku li tkun tinstab fit-territorju doganali tal-Unjoni, u li jkollhom l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jirċievu t-tali oġġetti mingħajr dazju	82(c)
C56	Oġġetti għal skopijiet ta' reklamar, mingħajr l-ebda valur kummerċjali intrinsiku, mibgħuta bla ħlas mill-fornituri lill-klijenti tagħhom, li, apparti mill-funzjoni ta' reklamar, mhumiex kapaċi li jintużaw mod ieħor	89
C57	Il-merkanzija li tkun importata biss sabiex tintwera jew sabiex jintwerew magni u apparat, li tkun manifatturata 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u li tiġi esposta f'fiera kummerċjali jew f'avveniment simili	90(1)(b)
C58	Diversi materjali ta' valur żgħir bħal żebgħa, verniċi, kisi tal-ħitan, eċċ., użati fil-bini, arma u dekorazzjoni ta' stands temporanji okkupati minn rappreżentanti ta' pajjiżi terzi f'fiera kummerċjali jew f'avveniment simili, li jiġu distrutti bl-użu tagħhom	90(1)(c)
C59	Il-materjal stampat, il-katalogi, il-prospetti, il-listi tal-prezzijiet, il-posters tar-reklamar, il-kalendarji, sew jekk illustrati u sew jekk le, kif ukoll ir-ritratti mhux fil-gwarniċ u xi oġġetti oħra li jkunu ġew fornuti mingħajr ħlas sabiex il-merkanzija manifatturata 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u esposta f'fiera kummerċjali jew f'avveniment simili tiġi rreklamata	90(1)(d)
C60	Id-dota u l-oġġetti tad-dar, importati fl-okkażjoni ta' żwieġ, li jiddaħħlu għal ċirkolazzjoni ħielsa mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel it-tieġ (l-aġevolazzjoni tad-dazju hija soġġetta għal preżentazzjoni ta' garanzija xierqa)	12(1), 15(1)(a)
C61	Ir-rigali li skont id-drawwa jingħataw fl-okkażjoni ta' żwieġ li jiddaħħlu għal ċirkolazzjoni ħielsa mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel it-tieġ (l-aġevolazzjoni tad-dazju hija soġġetta għal preżentazzjoni ta' garanzija xierqa)	12(2), 15(1)(a)

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mad-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23)

Dħul temporanju

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
D01	Il-paliti (inklużi l-partijiet żejda, l-aċċessorji u t-tagħmir tal-paliti)	208 u 209
D02	Kontejners (inklużi l-partijiet żejda, l-aċċessorji u tagħmir tal-kontejners)	210 u 211
D03	Mezzi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u bil-passaġġi fuq l-ilma intern	212
D04	Oġġetti personali u merkanzija għal finijiet sportivi importati minn vjaġġaturi	219
D05	Materjal għall-benessri tal-baħħara	220
D06	Materjal ta' għajnuna f'każ ta' diżastru	221
D07	Tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju	222
D08	Annimali (12-il xahar jew aktar)	223
D09	Merkanzija għall-użu fiż-żona tal-fruntiera	224
D10	Medja tal-ġarr tal-ħoss, stampi jew *data*	225
D11	Materjal pubbliċitarju	225
D12	Tagħmir professjonali	226
D13	Materjal pedagoġiku u tagħmir xjentifiku	227
D14	L-ippakkjar, mimli	228
D15	L-ippakkjar, vojt	228
D16	Forom, fundituri, blokok, disinji, tpinġijiet, strumenti ta' kejl, verifika u ttestjar u oġġetti simili oħra	229
D17	Għodod u strumenti speċjali	230
D18	Il-merkanzija li tkun soġġetta għal testijiet, esperimenti jew dimostrazzjonijiet.	231(a)
D19	Merkanzija, soġġetta għal testijiet ta' aċċettazzjoni sodisfaċenti, prevista f'kuntratt tal-bejgħ	231(b)
D20	Il-merkanzija li tintuża sabiex jitwettqu t-testijiet, l-esperimenti jew id-dimostrazzjonijiet mingħajr qligħ finanzjarju (sitt xhur).	231(c)
D21	Kampjuni	232
D22	Mezzi ta' produzzjoni ta' sostituzzjoni (sitt xhur)	233
D23	Merkanzija għal avvenimenti jew bejgħ	234(1)
D24	Merkanzija għall-approvazzjoni (sitt xhur)	234(2)

Kodiċi	Deskrizzjoni	L-Artikolu Nru
D25	Xogħlijiet tal-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet	234(3)(a)
D26	Merkanzija barra dik manifatturata ġdida importata bil-ħsieb tal-bejgħ tagħha permezz ta' rkant	234(3)(b)
D27	Partijiet, aċċessorji u tagħmir	235
D28	Merkanzija importata f'sitwazzjonijiet partikolari li ma jkollhomx effett ekonomiku	236(b)
D29	Merkanzija importata għal perjodu li ma jaqbiżx tliet xhur	236(a)
D30	Mezz ta' trasport għal persuni stabbiliti barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew għal persuni li jkunu qegħdin jippreparaw it-trasferiment tal-post tar-residenza normali tagħhom barra dak it-territorju.	216
D51	Dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazju tal-importazzjoni	206

Prodotti agrikoli

Kodiċi	Deskrizzjoni
Importazzjoni	
E01	L-użu tal-prezz bil-wieħed sabiex jiġi stabbilit il-valur doganali għal ċerti prodotti li jiħżienu (l-Artikolu 74(2)(c) tal-Kodiċi u l-Artikolu 142(6))
E02	Il-valuri standard tal-importazzjoni (pereżempju: Ir-Regolament (UE) Nru 543/2011) (*) (**)

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

(**) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

Ieħor

Kodiċi	Deskrizzjoni
	Importazzjoni
F01	Eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-oġġetti mibgħuta lura (l-Artikolu 203 tal-Kodiċi)
F02	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-merkanzija ritornata (Iċ-ċirkostanzi speċjali previsti fl-Artikolu 159 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446: il-merkanzija agrikola)
F03	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-merkanzija ritornata (Iċ-ċirkostanzi speċjali previsti fl-Artikolu 158(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dwar it-tiswija jew ir-restawr)
F04	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw lejn l-Unjoni Ewropea wara li jkunu diġà ġew esportati mill-ġdid, sussegwenti għal proċedura tal-ipproċessar attiv (l-Artikolu 205(1) tal-Kodiċi)
F05	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni kif ukoll mill-VAT u/jew għall-merkanzija ritornata (l-Artikolu 203 tal-Kodiċi u l-Artikolu 143(1)(e) (id-Direttiva 2006/112/KE)

Kodiċi	Deskrizzjoni
F06	Moviment tal-merkanzija li fuqha trid titħallas is-sisa, b'arranġament ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni skont l-Artikolu 17(1)(b) tad-Direttiva 2008/118/KE.
F07	Il-prodotti pproċessati li jirritornaw lejn l-Unjoni Ewropea wara li jkunu diġà ġew esportati mill-ġdid, sussegwenti għal proċedura tal-ipproċessar attiv, fejn id-dazju fuq l-importazzjoni jiġi stabbilit skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi (l-Artikolu 205(2) tal-Kodiċi)
F15	Il-merkanzija introdotta fil-kuntest tal-kummerċ mat-territorji fiskali speċjali (l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)
F16	Il-merkanzija introdotta fil-kuntest tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li magħhom iffurmat unjoni doganali.
F21	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd fil-baħar u ta' prodotti oħra li jkunu meħuda mill-baħar territorjali ta' pajjiż jew ta' territorju 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni permezz ta' bastimenti li jkunu rreġistrati jew imniżżlin biss fi Stat Membru u li jtajru l-bandiera ta' dak l-istat
F22	L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jkunu nkisbu minn prodotti tas-sajd u minn prodotti oħra li jkunu meħuda mill-baħar territorjali ta' pajjiż jew ta' territorju 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni abbord il-bastimenti fabbrika li jkunu rreġistrati jew imniżżlin fi Stat Membru u li jtajru l-bandiera tal-istat
F44	Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti pproċessati meta jrid jiġi applikat l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi)
F45	L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE (*))
F46	L-użu tal-klassifikazzjoni oriġinali tat-tariffi tal-merkanzija fis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 86(2) tal-Kodiċi
F47	Is-simplifikazzjoni tat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet doganali għall-merkanzija li taqa' taħt is-subintestaturi differenti tat-tariffi previsti fl-Artikolu 177 tal-Kodiċi
F48	L-importazzjoni bl-iskema speċjali għal bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII Kapitolu 6 Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.
F49	L-importazzjoni bl-arranġamenti speċjali għal dikjarazzjoni u ħlas ta' VAT fuq l-importazzjoni stabbiliti fit-Titolu XII Kapitolu 7 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 5).

2/1. **Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokument preċedenti**

Dan l-element ta' *data* fih kodiċijiet alfanumeriċi.

Kull kodiċi għandu tliet komponenti. L-ewwel komponent (an..3), li fih ġabra ta' ċifri u/jew ittri, jintuża sabiex jiġi identifikat it-tip ta' dokument. It-tieni komponent (an..35) jirrappreżenta d-*data* meħtieġa sabiex dak id-dokument jiġi rikonoxxut, jew in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu jew inkella xi referenza rikonoxxibbli oħra. It-tielet komponent (an..5) jintuża sabiex jiġi identifikat liema oġġett tad-dokument preċedenti tkun qiegħda ssir referenza għalih.

Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali fuq il-karta, it-tliet komponenti jiġu sseparati b'singijiet (-).

1. *L-ewwel komponent (an..3)*

Agħżel l-abbrevjazzjoni għad-dokument mil-'lista ta' abbrevjazzjonijiet tad-dokumenti' ta' hawn taħt.

Lista ta' abrevjazzjonijiet għad-dokumenti

